**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 26 ta' Ottubru, 2016**

**Mandat Nru: 1377/2016/1 AF**

**Edgar Ruggier**

**Peter Gatt**

**Lucienne Gatt**

**Frank Xerri de Caro**

**Mariella Xerri de Caro u**

**Fiorella Mannara**

**vs**

**Sonia Masterson**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Edgar Ruggier, Peter Gatt, Lucienne Gatt, Frank Xerri de Caro, Mariella Xerri de Caro u Fiorella Mannara, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti zzomm lil Sonia Masterson

milli tinstalla passenger lift fil-partijiet komuni tal-appartament bl-isem "Oakleaf Flats", Sur Fons Street, St. Julian's.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Sonia Masterson.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward huwa kostanti fis-sens:

> *"Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti huri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi. Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak. Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd."* – (Mugliett vs Bonnici – 25 ta' Jannar 2005)

Fil-kaz in ezami il-Qorti tqis illi l-istallazzjoni tal-lift li ser issir ma tistax titqies li ser tirreka xi pregudizzju lir-rikorrenti. It-tarag komuni mhuwiex ser jintmiss peress illi l-lift ser ikun kostreet fit-tromba tat-tarag. Ma huwiex ippjanat li jisporgi oltre minn hekk.

Jidher illi r-rikorrenti mhumiex ser jigu ostakolati fl-uzu li qeghdin jaghmlu prezentement mit-tarag. Din il-Qorti ma tistax tqis il-konsiderazzjoni taghhom dwar il-qies tal-lift stante li huma prezentement ma jhossux il-htiega tieghu u mhux ser juzawh huma.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-Art. 8 tal-Kap. 398 jipprovdi illi:

> *"(5) Condominus jista' a spejjeż tiegħu jinstalla u jibni kull faċilità neċessarja li tnaqqas jew telimina problemi ta' mobilità salv li dawn ma joħolqux ebda preġudizzju serju, wara li jiġu installati jew mibnija, fil-konfront tal-condomini l-oħra. Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 9 għandhom japplikaw, mutatis mutandis, għall-ispejjeż li jsiru f'dik l-istallazzjoni jew binja."*

Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tas-26 ta' Settembru 2016, tichad it-tlaba definittivament.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF